REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/664

tat-22 ta' April 2021

dwar qafas regolatorju għall-U-space

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 57 u l-Artikolu 62(14) u (15) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 ([2]) u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 ([3]) stabbilew l-ewwel sett ta' dispożizzjonijiet dettaljati għat-tħaddim armonizzat ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord ("UAS") u rekwiżiti tekniċi minimi għall-UAS.

(2) L-għadd dejjem akbar ta' UAS li jidħlu fl-ispazju tal-ajru u ż-żieda fil-kumplessità tal-operazzjonijiet tal-UAS lil hinn mil-linja viżwali tal-vista (BVLOS), inizjalment f'livell baxx ħafna, joħloq riskji fuq is-sikurezza, is-sigurtà, il-privatezza u l-ambjent.

(3) F'ċerti żoni, pereżempju primarjament f'dawk b'għadd kbir mistenni ta' operazzjonijiet simultanji tal-UAS jew żoni fejn il-UAS joperaw flimkien ma' inġenji tal-ajru bi bdot abbord, l-integrazzjoni sikura, sigura u effiċjenti tal-UAS fl-ispazju tal-ajru teħtieġ l-introduzzjoni ta' regoli u proċeduri speċifiċi addizzjonali għall-operazzjonijiet tagħhom u għall-organizzazzjonijiet involuti f'dawk l-operazzjonijiet, kif ukoll livell għoli ta' awtomatizzazzjoni u diġitalizzazzjoni.

(4) Meta l-Istati Membri jiddefinixxu ż-żoni ġeografiċi għall-UAS għal raġunijiet ambjentali, ta' sikurezza, ta' sigurtà jew ta' privatezza kif previst fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, huma jistgħu jimponu kundizzjonijiet speċifiċi għal ċerti operazzjonijiet tal-UAS jew kollha jew jippermettu l-aċċess biss għall-UAS mgħammra b'ċerti karatteristiċi tekniċi.

(5) Jeħtieġ li jiġi ddefinit sett minimu ta' rekwiżiti għall-operazzjonijiet tal-UAS f'ċerti żoni ġeografiċi tal-UAS, li jenħtieġ li jissejħu spazju tal-ajru tal-U-space għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament. L-aċċess mill-operaturi tal-UAS għal tali spazju tal-ajru tal-U-space jenħtieġ li jiddependi mill-użu ta' ċerti servizzi ("servizzi tal-U-space") li jippermettu l-ġestjoni sikura ta' għadd kbir ta' operazzjonijiet tal-UAS, filwaqt li jiġu rrispettati wkoll ir-rekwiżiti applikabbli dwar is-sigurtà u l-privatezza.

(6) Jenħtieġ li jkun hemm rekwiżiti minimi għall-operaturi tal-UAS u għall-fornituri tas-servizzi tal-U-space għat-tagħmir u l-prestazzjoni tal-UAS u għas-servizzi pprovduti fl-ispazju tal-ajru tal-U-space sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-operazzjonijiet f'dak l-ispazju tal-ajru.

(7) Jenħtieġ li r-regoli u l-proċedura applikabbli għall-UAS meta joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space jkunu proporzjonati man-natura u mar-riskju tal-operazzjonijiet.

([1]) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/945 tat-12 ta' Marzu 2019 dwar sistemi ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord u dwar operaturi ta' sistemi tal-ajru mingħajr bdot abbord minn pajjiżi terzi (ĠU L 152, 11.6.2019, p. 1).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/947 tal-24 ta' Mejju 2019 dwar ir-regoli u l-proċeduri għall-operazzjoni ta' inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord (ĠU L 152, tal-11.6.2019, p. 45).

(8) B'mod partikolari, peress li l-operazzjonijiet b'inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord b'massa massima waqt il-qtugħ mill-art ta' inqas minn 250 g u li jitwettqu f'linja viżwali tal-vista (VLOS) qed jippreżentaw riskju baxx, l-operaturi tal-UAS jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru tal-U-space fir-rigward ta' dawk l-operazzjonijiet. Bl-istess mod, meta jitqies ir-rekord tas-sikurezza tajjeb tagħhom, l-operazzjonijiet ta' mudelli tal-inġenji tal-ajru fil-qafas ta' klabbs u assoċjazzjonijiet awtorizzati jenħtieġ li jkunu jistgħu jkomplu bl-operazzjonijiet tagħhom kif qed jagħmlu issa, jiġifieri mingħajr il-ħtieġa li jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru tal-U-space.

(9) Jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli armonizzati għall-operazzjonijiet tal-UAS fl-ispazju tal-ajru tal-U-space, għas-servizzi standardizzati mogħtija lill-operaturi tal-UAS kif ukoll għall-metodi ta' konnettività bejn il-fornituri tas-servizzi ta' informazzjoni komuni, għall-fornituri tas-servizzi tal-U-space, għall-fornitur tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u għall-operaturi tal-UAS sabiex tiġi żgurata l-operazzjoni sikura, sigura u effiċjenti tal-UAS, filwaqt li jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tas-servizzi relatati mal-UAS kif ukoll mal-fornituri tas-servizzi tal-U-space fl-Unjoni.

(10) Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu spazju tal-ajru tal-U-space u rekwiżiti tal-ispazju tal-ajru tal-U-space, inklużi servizzi addizzjonali tal-U-space bl-appoġġ ta' valutazzjoni tar-riskju sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-UAS f'dak l-ispazju tal-ajru tal-U-space.

(11) Jenħtieġ li jiġu introdotti rekwiżiti minimi ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri f'każ li dawk l-Istati Membri jistabbilixxu spazju tal-ajru transfruntier tal-U-space sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-operazzjonijiet tal-UAS f'dak l-ispazju tal-ajru tal-U-space.

(12) Sabiex il-UAS ikunu jistgħu joperaw b'mod sikur flimkien ma' inġenji tal-ajru bi bdot abbord, huma meħtieġa proċeduri ta' koordinazzjoni u faċilitajiet ta' komunikazzjoni speċifiċi bejn l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru rilevanti, il-fornituri tas-servizzi tal-U-space u l-operaturi tal-UAS. Dawk il-proċeduri ta' koordinazzjoni u l-faċilitajiet ta' komunikazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 ([4]) kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/665 ([5]).

(13) Għalkemm l-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru militari u tal-Istat huma eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, jeħtieġ li tiġi żgurata s-separazzjoni sikura tal-inġenji tal-ajru fil-U-space. Għalhekk, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddefinixxu limitazzjonijiet statiċi u dinamiċi tal-ispazju tal-ajru tal-U-space biex jippermettu tali operazzjonijiet b'mod sikur u effiċjenti.

(14) L-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li servizzi ta' informazzjoni komuni jsiru disponibbli għal kull spazju tal-ajru tal-U-space sabiex jippermettu aċċess mhux diskriminatorju għall-ispazju tal-ajru u s-servizzi tal-U-space għall-operaturi tal-UAS, b'attenzjoni partikolari għas-sikurezza. Madankollu, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jiddeżinjaw fornitur uniku ta' servizz ta' informazzjoni komuni biex jipprovdi s-servizzi ta' informazzjoni komuni fuq bażi esklużiva fir-rigward tal-ispazji tal-ajru kollha tal-U-space jew uħud minnhom taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

(15) Il-forniment ta' servizzi ta' informazzjoni komuni lill-fornituri tas-servizzi tal-U-space jenħtieġ li jsir f'waqtu u jikkorrispondi għar-rekwiżiti tal-kwalità stabbiliti minn dan ir-Regolament.

(16) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jistabbilixxi rekwiżiti għal protokolli ta' komunikazzjoni miftuħa, interoperabbli u komuni bejn l-awtoritajiet, il-fornituri tas-servizzi u l-operaturi tal-UAS, kif ukoll il-kwalità, il-latenza u l-protezzjoni tad-*data* għall-informazzjoni skambjata, li huma meħtieġa għal operazzjonijiet sikuri u interoperabbli fl-ispazju tal-ajru tal-U-space.

(17) L-operaturi tal-UAS jenħtieġ li joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space biss jekk jagħmlu użu mis-servizzi tal-U-space li huma indispensabbli biex jiġu żgurati operazzjonijiet sikuri, siguri, effiċjenti u interoperabbli. Il-fornituri tas-servizzi tal-U-space jenħtieġ li jipprovdu mill-inqas is-servizzi obbligatorji tal-U-space li ġejjin: servizz ta' identifikazzjoni tan-network, servizz ta' ġeokonsapevolezza, servizz ta' awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS u servizz ta' informazzjoni dwar it-traffiku.

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/665 tat-22 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-fornituri tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħra tan-network tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru fl-ispazju tal-ajru tal-U-space ddeżinjati fl-ispazju tal-ajru kkontrollat (ara l-paġna 184 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(18) Servizz ta' identifikazzjoni tan-network jenħtieġ li jipprovdi l-identità tal-operaturi tal-UAS, u l-post u l-vettur tat-titjir tal-UAS waqt operazzjonijiet normali u f'sitwazzjonijiet ta' kontinġenza, u jikkondividi l-informazzjoni rilevanti ma' utenti oħra tal-ispazju tal-ajru tal-U-space.

(19) Servizz ta' ġeokonsapevolezza jenħtieġ li jipprovdi lill-operaturi tal-UAS bl-informazzjoni dwar l-aħħar limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru u l-informazzjoni dwar iż-żoni ġeografiċi tal-UAS definiti magħmula disponibbli bħala parti mis-servizzi ta' informazzjoni komuni. F'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, l-istabbiliment ta' żoni ġeografiċi tal-UAS jenħtieġ li jqis ir-rekwiżiti ambjentali, ta' sikurezza, ta' sigurtà u ta' privatezza.

(20) Servizz ta' awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS jenħtieġ li jiżgura li l-operazzjonijiet tal-UAS awtorizzati jkunu ħielsa minn intersezzjoni fl-ispazju u fil-ħin ma' xi awtorizzazzjoni nnotifikata għal titjira tal-UAS fl-istess porzjon tal-ispazju tal-ajru tal-U-space.

(21) Servizz ta' informazzjoni dwar it-traffiku jenħtieġ li javża lill-operaturi tal-UAS dwar traffiku tal-ajru ieħor li jista' jkun preżenti qrib il-UAS tagħhom.

(22) Sabiex l-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord ikunu jistgħu joperaw b'mod sikur flimkien ma' inġenji tal-ajru bi bdot abbord fl-ispazju tal-ajru tal-U-space, huma meħtieġa regoli li jipprevedu sinjalar effettiv tal-preżenza ta' inġenji tal-ajru bi bdot abbord permezz ta' teknoloġiji ta' sorveljanza. Dawk ir-regoli huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 ([6]) kif emendat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/666 ([7]).

(23) Sabiex tiġi żgurata l-operazzjoni sikura fi spazju tal-ajru partikolari tal-U-space u bl-appoġġ ta' valutazzjoni tar-riskju, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jirrikjedu li servizzi oħra tal-U-space bħal servizz ta' informazzjoni dwar it-temp u servizz ta' monitoraġġ tal-konformità jkunu obbligatorji.

(24) Servizz ta' informazzjoni dwar it-temp jenħtieġ li jappoġġa lill-operaturi tal-UAS matul il-fażijiet tal-ippjanar u tat-twettiq tat-titjir, kif ukoll itejjeb il-prestazzjonijiet ta' servizzi oħra tal-U-space pprovduti fl-ispazju tal-ajru tal-U-space.

(25) Servizz ta' monitoraġġ tal-konformità jenħtieġ li jipprovdi twissija f'ħin reali tan-nuqqas ta' konformità mal-awtorizzazzjoni għal titjira mogħtija u jinforma lill-operaturi tal-UAS meta jkun hemm devjazzjoni minnha.

(26) Sabiex jiġi żgurat il-forniment ta' servizzi sikuri u ta' kwalità għolja tal-U-space, dan ir-Regolament jistabbilixxi skema ta' ċertifikazzjoni komuni għaċ-ċertifikazzjoni tal-forniturі tas-servizzi tal-U-space u, meta jiġu ddeżinjati mill-Istati Membri, għal fornitur uniku ta' servizzi ta' informazzjoni komuni, kif ukoll sett ta' regoli għall-monitoraġġ regolari tal-konformità mar-rekwiżiti applikabbli.

(27) Il-kompiti tal-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1139 jenħtieġ li jiġu ddefiniti b'mod ċar.

(28) Dan ir-Regolament jenħtieġ li ma japplikax għal operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru li jwettqu attivitajiet militari, doganali, tal-pulizija, tat-tiftix u tas-salvataġġ, tat-tifi tan-nar, tal-kontroll tal-fruntieri u tal-gwardja tal-kosta jew attivitajiet u servizzi simili mwettqa fl-interess pubbliku, taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' Stat Membru jew f'isem korp mogħti s-setgħat ta' awtorità pubblika sakemm l-Istat Membru ma jkunx iddeċieda skont l-Artikolu 2(6) tar-Regolament (UE) 2018/1139 li japplika regoli dwar inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord għal xi whud minn dawk l-attivitajiet jew għal dawk l-attivitajiet kollha.

(29) Il-ġestjoni tas-sikurezza tiżgura l-identifikazzjoni, il-valutazzjoni u l-minimizzazzjoni tar-riskji għas-sikurezza kif ukoll il-vulnerabbiltajiet tas-sigurtà, li jkollhom impatt fuq is-sikurezza. Għalhekk, il-forniturі tas-servizzi tal-U-space u l-forniturі uniċi tas-servizzi ta' informazzjoni komuni jenħtieġ li jistabbilixxu kif xieraq sistemi ta' ġestjoni biex jiżguraw l-operazzjonijiet sikuri u siguri tal-UAS fl-ispazju tal-ajru tal-U-space.

([6]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010 (ĠU L 281, 13.10.2012, p. 1).

([7]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/666 tat-22 ta' April 2021 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 923/2012 fir-rigward tar-rekwiżiti għall-inġenji tal-ajru bi bdot abbord li joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space (ara l-paġna 187 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

(30) Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space u l-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi jenħtieġ li jistabbilixxu sistema ta' żamma ta' rekords li tippermetti l-ħżin adegwat tar-rekords u t-traċċabbiltà affidabbli tal-attivitajiet kollha tagħhom, sabiex ikunu koperti b'mod partikolari l-elementi kollha tas-sistemi ta' ġestjoni tagħhom.

(31) Sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati affettwati jenħtieġ li jingħataw żmien biżżejjed biex jadattaw il-proċeduri tagħhom għall-qafas regolatorju l-ġdid qabel ma jibda japplika dan ir-Regolament.

(32) L-Aġenzija ħejjiet abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u ppreżentatu mal-Opinjoni Nru 01/2020 ([8]) f'konformità mal-punti (b) u (c) tal-Artikolu 75(2) u l-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(33) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 127 tar-Regolament (UE) 2018/1139.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

PRINĊIPJI U REKWIŻITI ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli u proċeduri għall-operazzjonijiet sikuri tal-UAS fl-ispazju tal-ajru tal-U-space, għall-integrazzjoni sikura tal-UAS fis-sistema tal-avjazzjoni u għall-forniment tas-servizzi tal-U-space.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika, fiż-żoni ġeografiċi tal-UAS stabbiliti bħala spazju tal-ajru tal-U-space mill-Istati Membri, għal:

(a) operaturi tal-UAS;

(b) forniturі tas-servizzi tal-U-space;

(c) forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni komuni.

3. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għal operazzjonijiet tal-UAS imwettqa:

(a) fil-qafas tal-klabbs u l-assoċjazzjonijiet tal-mudelli tal-inġenji tal-ajru li jkunu rċevew awtorizzazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947;

(b) fis-subkategorija A1 tal-kategorija "miftuħa" ta' operazzjonijiet b'inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord li:

(i) fil-każ ta' UAS mibnija privatament, ikollu massa massima waqt il-qtugħ mill-art, inkluż it-tagħbija, ta' inqas minn 250 g u veloċità massima ta' operazzjoni ta' inqas minn 19 m/s; jew

(ii) ikun immarkat bħala klassi C0 u jikkonforma mar-rekwiżiti ta' dik il-klassi, kif definit fil-Parti 1 tal-Anness tar-Regolament Delegat (UE) 2019/945; jew

(c) f'konformità mar-regoli tat-titjir bl-istrumenti SERA.5015 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012, fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/373, fir-Regolament Delegat (UE) 2019/945, u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947. Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw ukoll:

([8]) https://www.easa.europa.eu/document-library/opinions

(1) "spazju tal-ajru tal-U-space" tfisser żona ġeografika tal-UAS iddeżinjata mill-Istati Membri, fejn l-operazzjonijiet tal-UAS jitħallew isiru biss bl-appoġġ ta' servizzi tal-U-space;

(2) "servizz tal-U-space" tfisser servizz li jiddependi fuq is-servizzi diġitali u l-awtomatizzazzjoni tal-funzjonijiet iddisinjati biex jappoġġaw l-aċċess sikur, sigur u effiċjenti għall-ispazju tal-ajru tal-U-space għal għadd kbir ta' UAS;

(3) "valutazzjoni tar-riskju tal-ispazju tal-ajru" tfisser evalwazzjoni tar-riskji operattivi, tas-sikurezza u tas-sigurtà li tqis il-livelli meħtieġa ta' prestazzjoni tas-sikurezza kif definit fil-Pjan Ewropew għas-Sikurezza tal-Avjazzjoni u l-Programm tal-Istat għas-Sikurezza imsemmi fl-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (UE) 2018/1139, it-tip, il-kumplessità u d-densità tat-traffiku, il-post, l-altitudnijiet jew l-għoli u l-klassifikazzjoni tal-ispazju tal-ajru;

(4) "servizz ta' informazzjoni komuni" tfisser servizz li jikkonsisti mid-disseminazzjoni tad-*data* statika u dinamika biex jiġi permess il-forniment tas-servizzi tal-U-space għall-ġestjoni tat-traffiku tal-inġenji tal-ajru mingħajr bdot abbord;

(5) "post prinċipali tan-negozju" tfisser is-sede prinċipali jew l-uffiċċju reġistrat ta' fornitur tas-servizzi tal-U-space jew tas-servizzi ta' informazzjoni komuni fl-Istat Membru li fih jiġu eżerċitati l-funzjonijiet finanzjarji prinċipali u l-kontroll operattiv tal-fornitur tas-servizzi;

(6) "rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru" tfisser il-modifika temporanja tal-ispazju tal-ajru tal-U-space sabiex takkomoda l-bidliet f'terminu qasir fid-domanda għat-traffiku bi bdot abbord, billi jiġu aġġustati l-limiti ġeografiċi ta' dak l-ispazju tal-ajru tal-U-space.

KAPITOLU II

SPAZJU TAL-AJRU TAL-U-SPACE U SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI KOMUNI

Artikolu 3

Spazju tal-ajru tal-U-space

1. Meta l-Istati Membri jiddeżinjaw spazju tal-ajru tal-U-space għal raġunijiet ta' sikurezza, sigurtà, privatezza jew dawk ambjentali, tali deżinjazzjoni għandha tkun appoġġata minn valutazzjoni tar-riskju tal-ispazju tal-ajru.

2. L-operazzjonijiet kollha tal-UAS fl-ispazju tal-ajru tal-U-space għandhom ikunu soġġetti għal mill-inqas is-servizzi obbligatorji tal-U-space li ġejjin:

(a) is-servizz tal-identifikazzjoni tan-network imsemmi fl-Artikolu 8;

(b) is-servizz ta' ġeokonsapevolezza msemmi fl-Artikolu 9;

(c) is-servizz ta' awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS imsemmi fl-Artikolu 10;

(d) is-servizz ta' informazzjoni dwar it-traffiku msemmi fl-Artikolu 11.

3. Għal kull spazju tal-ajru tal-U-space, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-ispazju tal-ajru msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri jistgħu jirrikjedu servizzi addizzjonali tal-U-space magħżula mis-servizzi msemmija fl-Artikoli 12 u 13.

4. Għal kull spazju tal-ajru tal-U-space, abbażi tal-valutazzjoni tar-riskju tal-ispazju tal-ajru msemmija fil-paragrafu 1 u permezz tal-kriterji stabbiliti fl-Anness I, l-Istati Membri għandhom jiddeterminaw:

(a) ir-rekwiżiti tal-kapaċitajiet u tal-prestazzjoni tal-UAS;

(b) ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-U-space;

(c) il-kundizzjonijiet operattivi u l-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru applikabbli.

5. L-Istati Membri għandhom jagħtu aċċess lill-forniturі tas-servizzi tal-U-space għal *data* rilevanti, jekk tkun meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, fir-rigward:

(a) is-sistema ta' reġistrazzjoni tal-operaturi tal-UAS, imsemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947, tal-Istat Membru li fih il-forniturі tas-servizzi tal-U-space joffru s-servizzi tagħhom; kif ukoll

(b) is-sistemi ta' reġistrazzjoni tal-operaturi tal-UAS ta' Stati Membri oħra permezz tar-repożitorju tal-informazzjoni msemmi fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1139.

6. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-informazzjoni dwar l-ispazju tal-ajru tal-U-space disponibbli f'konformità mal-Artikolu 15(3) tar-Regolament (UE) 2019/947, kif ukoll permezz tas-servizz tal-informazzjoni ajrunawtika tagħhom.

7. Meta l-Istati Membri jiddeċiedu li jistabbilixxu spazju tal-ajru transfruntier tal-U-space, dawn għandhom jiddeċiedu b'mod konġunt dwar:

(a) id-dežinjazzjoni tal-ispazju tal-ajru transfruntier tal-U-space;

(b) il-forniment ta' servizzi transfruntiera tal-U-space;

(c) l-għoti ta' servizzi ta' informazzjoni komuni transfruntiera.

Artikolu 4

Rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru

Meta Stat Membru jiddežinja spazju tal-ajru tal-U-space fi spazju tal-ajru kkontrollat, għandu jiżgura li r-rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru f'dak l-ispazju tal-ajru tal-U-space kif stabbilit fl-ATS.TR.237 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/665 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/373 tiġi applikata sabiex jiġi żgurat li l-inġenji tal-ajru bi bdot abbord li jkunu pprovduti b'servizz ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru u b'UAS jibqgħu ssegregati.

Artikolu 5

Servizzi ta' informazzjoni komuni

1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-*data* li ġejja disponibbli bħala parti mis-servizzi ta' informazzjoni komuni ta' kull spazju tal-ajru tal-U-space:

(a) il-limiti orizzontali u vertikali tal-ispazju tal-ajru tal-U-space;

(b) ir-rekwiżiti ddeterminati skont l-Artikolu 3(4);

(c) lista ta' forniturі ċċertifikati tas-servizzi tal-U-space li joffru servizzi tal-U-space fl-ispazju tal-ajru tal-U-space, bl-informazzjoni li ġejja:

  (i) id-dettalji ta' identifikazzjoni u ta' kuntatt tal-forniturі attivi tas-servizzi tal-U-space;

  (ii) is-servizzi tal-U-space pprovduti;

  (iii) il-limitazzjoni(jiet) taċ-ċertifikazzjoni, jekk ikun hemm;

(d) kwalunkwe spazju(i) tal-ajru tal-U-space kontigwu/i;

(e) iż-żoni ġeografiċi tal-UAS rilevanti għall-ispazju tal-ajru tal-U-space u ppubblikati mill-Istati Membri f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947;

(f) restrizzjonijiet statiċi u dinamiċi tal-ispazju tal-ajru definiti mill-awtoritajiet rilevanti u li jillimitaw b'mod permanenti jew temporanju l-volum tal-ispazju tal-ajru fl-ispazju tal-ajru tal-U-space fejn jistgħu jsiru l-operazzjonijiet tal-UAS.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li d-*data* operattiva rilevanti msemmija fl-ATS.OR.127 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/665 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/373, kif ukoll id-*data* li tirriżulta mir-rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru msemmija fl-ATS.TR.237 tiegħu, tkun disponibbli bħala parti mis-servizzi ta' informazzjoni komuni ta' kull spazju tal-ajru tal-U-space.

3. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jagħmlu t-termini u l-kundizzjonijiet tas-servizzi tagħhom disponibbli bħala parti mis-servizzi ta' informazzjoni komuni ta' kull spazju tal-ajru tal-U-space li fih joffru s-servizzi tagħhom.

4. Il-forniturі ta' servizzi ta' informazzjoni komuni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3:

(a) issir disponibbli f'konformità mal-Anness II;

(b) tkun konformi mar-rekwiżiti meħtieġa dwar il-kwalità, il-latenza u tal-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fl-Anness III.

5. L-aċċess għal servizzi ta' informazzjoni komuni għandu jingħata lill-awtoritajiet rilevanti, lill-forniturituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, lill-forniturituri tas-servizzi tal-U-space u lill-operaturi tal-UAS fuq bażi mhux diskriminatorja, inkluż bl-istess livelli ta' kwalità, latenza u protezzjoni tad-*data*.

6. L-Istati Membri jistgħu jiddeżinjaw fornitur uniku ta' servizzi ta' informazzjoni komuni biex jipprovdi s-servizzi ta' informazzjoni komuni fuq bażi esklużiva fl-ispazji tal-ajru kollha tal-U-space jew f'uħud minnhom taħt ir-responsabbiltà tagħhom. F'dan il-każ, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 għandha tkun disponibbli għall-fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi li mbagħad jipprovduha f'konformità mal-paragrafu 5.

7. Tali fornitur uniku ta' servizzi ta' informazzjoni komuni għandu jissodisfa r-rekwiżiti msemmija fil-paragrafi 4 u 5 u għandu jiġi ċċertifikat f'konformità mal-Kapitolu V ta' dan ir-Regolament.

8. Stat Membru li jiddeżinja fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi għandu jinforma lill-Aġenzija, u lill-Istati Membri l-oħra mingħajr dewmien bi kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna ċ-ċertifikat tal-fornitur ta' servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi. Fir-repożitorju msemmi fl-Artikolu 74 tar-Regolament (UE) 2018/1139 l-Aġenzija għandha tinkludi l-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet kollha nnotifikati mill-Istati Membri skont dan il-paragrafu.

KAPITOLU III

REKWIŻITI ĠENERALI GĦALL-OPERATURI TAL-UAS U GĦALL-FORNITURI TAS-SERVIZZI TAL-U-SPACE

Artikolu 6

Operaturi tal-UAS

1. Meta joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space, l-operaturi tal-UAS għandhom:

(a) jiżguraw li l-UAS li għandhom joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-kapaċitajiet u tal-prestazzjoni ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 3(4)(a);

(b) jiżguraw li matul l-operazzjonijiet tagħhom, jintużaw is-servizzi meħtieġa tal-U-space msemmija fl-Artikolu 3(2) u (3), u li r-rekwiżiti tagħhom jiġu osservati;

(c) jikkonformaw mal-kundizzjonijiet operattivi applikabbli u l-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru msemmija fl-Artikolu 3(4)(c).

2. L-operaturi tal-UAS jistgħu jipprovdu servizzi tal-U-space lilhom infushom. F'każ bħal dan, dawn għandhom jitqiesu bħala forniturituri tas-servizzi tal-U-space għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament.

3. Qabel ma joperaw fl-ispazju tal-ajru tal-U-space, l-operaturi tal-UAS għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/947 inkluż, fejn rilevanti, ikollhom awtorizzazzjoni operattiva jew ċertifikat maħruġ mal-awtorità kompetenti tal-Istati Membri tar-reġistrazzjoni u jikkonformaw mal-limitazzjonijiet operattivi stabbiliti minn Stat Membru fi kwalunkwe żona ġeografika għall-UAS.

4. Qabel kull titjira individwali, l-operatur tal-UAS għandu jippreżenta talba għal awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS lill-fornitur tas-servizzi tal-U-space tiegħu, permezz tas-servizz tal-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS imsemmi fl-Artikolu 10, f'konformità mal-Anness IV.

5. Meta jkun lest biex jibda t-titjira, l-operatur tal-UAS għandu jitlob lill-fornitur tas-servizzi tal-U-space għall-attivazzjoni tal-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS. Malli jirċievi l-konferma tal-attivazzjoni għall-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS mill-fornitur tas-servizz tal-U-space, l-operatur tal-UAS għandu jkun intitolat li jibda t-titjira tiegħu.

6. L-operaturi tal-UAS għandhom jikkonformaw mal-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS, inkluż il-limiti ta' devjazzjoni tal-awtorizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10(2)(d), kif ukoll kwalunkwe bidla fihom. Il-fornitur tas-servizzi tal-U-space jista' jintroduċi bidliet fl-awtorizzazzjoni matul kwalunkwe fażi tat-titjira u, f'tali każ, għandu jinforma lill-operaturi tal-UAS bihom.

7. Meta l-operaturi tal-UAS ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-limiti tad-devjazzjoni tal-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS imsemmija fl-Artikolu 10(2)(d), dawn għandhom jitolbu awtorizzazzjoni ġdida għal titjira tal-UAS.

8. L-operaturi tal-UAS għandhom jipprevedu miżuri u proċeduri ta' kontinġenza. Dawn għandhom jagħmlu l-miżuri u l-proċeduri ta' kontinġenza tagħhom disponibbli għall-forniturі tas-servizzi tal-U-space.

Artikolu 7

Forniturі tas-servizzi tal-U-space

1. Is-servizzi tal-U-space għandhom jiġu pprovduti minn persuni ġuridiċi ċċertifikati bħala forniturі tas-servizzi tal-U-space f'konformità mal-Kapitolu V.

2. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom ikunu responsabbli biex jipprovdu lill-operaturi tal-UAS bis-servizzi tal-U-space msemmija fl-Artikolu 3(2) u (3) matul il-fażijiet kollha tal-operazzjonijiet f'dak l-ispazju tal-ajru tal-U-space.

3. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jistabbilixxu arranġamenti mal-forniturі tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru biex jiżguraw koordinazzjoni adegwata tal-attivitajiet, kif ukoll l-iskambju ta' *data* u informazzjoni operattivi rilevanti f'konformità mal-Anness V.

4. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jimmaniġġjaw id-*data* dwar it-traffiku tal-ajru mingħajr diskriminazzjoni, restrizzjoni jew interferenza, irrispettivament mill-konsenjatur jew ir-riċevitur, il-kontenut, l-applikazzjoni jew is-servizz, jew it-tagħmir terminali tagħha.

5. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom:

(a) jiskambjaw kwalunkwe informazzjoni li tkun rilevanti għall-forniment sikur tas-servizzi tal-U-space bejniethom;

(b) jaderixxu ma' protokoll ta' komunikazzjoni miftuħa, interoperabbli, sigura u komuni u jużaw l-aħħar informazzjoni disponibbli f'konformità mal-Anness II;

(c) jiżguraw li l-informazzjoni tiġi skambjata f'konformità mar-rekwiżiti tal-kwalità, il-latenza u l-protezzjoni tad-*data* stabbiliti fl-Anness III;

(d) jiżguraw l-aċċess għall-informazzjoni skambjata u l-protezzjoni meħtieġa għaliha.

6. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jirrapportaw dan li ġej lill-awtorità kompetenti:

(a) il-bidu tal-operazzjonijiet wara li jirċievu ċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 14;

(b) il-waqfien u l-bidu mill-ġdid sussegwenti tal-operazzjonijiet, jekk ikun applikabbli.

KAPITOLU IV

SERVIZZI TAL-U-SPACE

Artikolu 8

Servizz ta' identifikazzjoni tan-network

1. Servizz ta' identifikazzjoni tan-network għandu jippermetti l-ipproċessar kontinwu tal-identifikazzjoni mill-bogħod tal-UAS matul id-durata tat-titjira u għandu jipprovdi l-identifikazzjoni mill-bogħod tal-UAS lill-utenti awtorizzati msemmija fil-paragrafu 4 b'mod aggregat.

2. Is-servizz ta' identifikazzjoni tan-network għandu jippermetti li l-utenti awtorizzati jkunu jistgħu jirċievu l-messaġġi bil-kontenut li ġej:

(a) in-numru tar-reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS;

(b) in-numru tas-serje uniku tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jew, jekk l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jinbena privatament, in-numru tas-serje uniku tal-aċċessorju supplimentari;

(c) il-pożizzjoni ġeografika tal-UAS, l-altitudni tagħha 'l fuq mil-livell medju tal-baħar u l-għoli tagħha 'l fuq mill-art jew mill-punt tal-qtugħ mill-art;

(d) il-korsa tar-rotta mkejla kif idur l-arloġġ mit-Tramuntana ġeografika u l-veloċità fuq l-art tal-UAS;

(e) il-pożizzjoni ġeografika tal-bdot mill-bogħod jew, jekk ma tkunx disponibbli, il-punt tal-qtugħ mill-art;

(f) l-istatus ta' emerġenza tal-UAS;

(g) il-ħin li fih ikunu ġew iġġenerati l-messaġġi.

3. L-informazzjoni pprovduta mis-servizzi ta' identifikazzjoni tan-network għandha tiġi aġġornata bil-frekwenza li l-awtorità kompetenti tkun iddeterminat.

4. L-utenti awtorizzati għandhom ikunu:

(a) il-pubbliku ġenerali fir-rigward ta' informazzjoni li titqies pubblika f'konformità mar-regoli applikabbli tal-Unjoni u dawk nazzjonali;

(b) fornituri oħra ta' servizzi tal-U-space sabiex tiġi żgurata s-sikurezza tal-operazzjonijiet fl-ispazju tal-ajru tal-U-space;

(c) il-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru kkonċernati;

(d) meta jkun iddeżinjat, il-fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi;

(e) l-awtoritajiet kompetenti rilevanti.

Artikolu 9

Servizz ta' ġeokonsapevolezza

1. Servizz ta' ġeokonsapevolezza jikkonsisti mill-informazzjoni li ġejja ta' ġeokonsapevolezza għandu jiġi pprovdut lill-operaturi tal-UAS:

(a) informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet operattivi applikabbli u l-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru fl-ispazju tal-ajru tal-U-space;

(b) żoni ġeografiċi tal-UAS, rilevanti għall-ispazju tal-ajru tal-U-space;

(c) restrizzjonijiet temporanji applikabbli għall-użu tal-ispazju tal-ajru fl-ispazju tal-ajru tal-U-space.

2. Il-fornituri tas-servizzi tal-U-space għandhom jibagħtu l-informazzjoni ta' ġeokonsapevolezza fil-ħin sabiex jippermettu li l-kontinġenzi u l-emerġenzi jiġu indirizzati mill-operaturi tal-UAS, u għandhom jinkludu l-ħin tal-aġġornament tagħha flimkien ma' numru tal-verżjoni jew ħin validu, jew it-tnejn li huma.

Artikolu 10

Servizz ta' awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS

1. Il-fornituri tas-servizzi tal-U-space għandhom jipprovdu lill-operaturi tal-UAS bl-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS għal kull titjira individwali, filwaqt li jistabbilixxu t-termini u l-kundizzjonijiet ta' dik it-titjira, permezz ta' servizz ta' awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS.

2. Meta l-fornituri tas-servizzi tal-U-space jirċievu mingħand l-operatur tal-UAS talba għall-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS, dawn għandhom:

(a) jivverifikaw jekk it-talba għal awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS hijiex kompluta, korretta u ppreżentata f'konformità mal-Anness IV;

(b) jaċċettaw it-talba għall-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS jekk it-titjira taħt l-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS tkun ħielsa minn intersezzjoni fl-ispazju u l-ħin ma' kwalunkwe awtorizzazzjoni oħra għal titjira tal-UAS notifikata fl-istess spazju tal-ajru tal-U-space f'konformità mar-regoli ta' prijorità stabbiliti fil-paragrafu 8;

(c) jinnotifikaw lill-operatur tal-UAS dwar l-aċċettazzjoni jew ir-rifjut tat-talba għall-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS;

(d) meta jinnotifikaw lill-operatur tal-UAS dwar l-aċċettazzjoni tat-talba għall-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS, jindikaw l-limiti tad-devjazzjoni permessi tal-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS.

3. Meta joħorġu awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS, il-fornituri tas-servizzi tal-U-space għandhom jużaw, fejn applikabbli, informazzjoni dwar it-temp ipprovduta mis-servizz ta' informazzjoni dwar it-temp kif imsemmi fl-Artikolu 12.

4. Meta l-fornituri tas-servizzi tal-U-space ma jkunux jistgħu jagħtu awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS f'konformità mat-talba tal-operatur tal-UAS, il-fornituri tas-servizzi tal-U-space jistgħu jipproponu awtorizzazzjoni alternattiva għal titjira tal-UAS lill-operatur tal-UAS.

5. Malli jirċievu t-talba għal attivazzjoni tal-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS imsemmija fl-Artikolu 6(5), il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jikkonfermaw l-attivazzjoni tal-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS mingħajr dewmien mhux ġustifikat.

6. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jistabbilixxu arranġamenti xierqa biex isolvu talbiet għal awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS kunfliġġenti li jaslu mingħand operaturi tal-UAS minn forniturі differenti tas-servizzi tal-U-space.

7. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jivverifikaw it-talba għall-awtorizzazzjonijiet għal titjira tal-UAS skont ir-restrizzjonijiet tal-ispazju tal-ajru tal-U-space u limitazzjonijiet temporanji tal-ispazju tal-ajru.

8. Meta jipproċessaw it-talbiet għal awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS, il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jagħtu prijorità lill-UAS li jwettqu operazzjonijiet speċjali kif imsemmi fl-Artikolu 4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 923/2012.

9. Meta żewġ talbiet għall-awtorizzazzjonijiet għal titjira tal-UAS ikollhom l-istess prijorità, dawn għandhom jiġu pproċessati fuq bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel.

10. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jivverifikaw kontinwament l-awtorizzazzjonijiet għal titjiriet eżistenti skont restrizzjonijiet u limitazzjonijiet dinamiċi ġodda tal-ispazju tal-ajru, u l-informazzjoni dwar it-traffiku tal-inġenji tal-ajru bi bdot abbord kondiviża mill-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru rilevanti, b'mod partikolari fir-rigward ta' inġenji tal-ajru bi bdot abbord magħrufa jew maħsuba li huma fi stat ta' emerġenza, inklużi dawk li huma soġġetti għal interferenza illegali, u jaġġornaw jew jirtiraw l-awtorizzazzjonijiet kif jista' jkun meħtieġ miċ-ċirkostanzi.

11. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom joħorġu numru ta' awtorizzazzjoni uniku għal kull awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS. Dan in-numru għandu jippermetti l-identifikazzjoni tat-titjira awtorizzata, l-operatur tal-UAS u l-fornitur tas-servizzi tal-U-space li joħroġ l-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS.

Artikolu 11

Servizz ta' informazzjoni dwar it-traffiku

1. Servizz ta' informazzjoni dwar it-traffiku pprovdut lill-operatur tal-UAS għandu jkun fih informazzjoni dwar kwalunkwe traffiku tal-ajru viżibbli b'mod ċar, li jista' jkun qrib il-pożizzjoni jew ir-rotta maħsuba tat-titjira tal-UAS.

2. Is-servizz ta' informazzjoni dwar it-traffiku għandu jinkludi informazzjoni dwar l-inġenji tal-ajru bi bdot abbord u t-traffiku tal-UAS kondiviża minn forniturі oħra tas-servizzi tal-U-space u unitajiet rilevanti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru.

3. Is-servizz tat-traffiku tal-ajru għandu jipprovdi l-informazzjoni dwar traffiku tal-ajru magħruf ieħor u għandu:

(a) jinkludi l-pożizzjoni, il-ħin tar-rapport kif ukoll il-veloċità, ir-rotta jew id-direzzjoni u l-istatus ta' emerġenza tal-inġenju tal-ajru, meta jkunu magħrufa;

(b) jaġġornaha bil-frekwenza ddeterminata mill-awtorità kompetenti.

4. Malli jirċievu s-servizzi ta' informazzjoni dwar it-traffiku mill-fornitur tas-servizz tal-U-space, l-operaturi tal-UAS għandhom jieħdu l-azzjoni rilevanti biex jevitaw kwalunkwe periklu ta' kolliżjoni.

Artikolu 12

Servizz ta' informazzjoni dwar it-temp

1. Meta jipprovdu servizz ta' informazzjoni dwar it-temp, il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom:

(a) jiġbru *data* dwar it-temp, ipprovduta minn sorsi fdati, biex iżommu is-sikurezza u jappoġġaw deċiżjonijiet operattivi ta' servizzi oħra tal-U-space;

(b) jipprovdu lill-operatur tal-UAS bi tbassir tat-temp u informazzjoni attwali dwar it-temp qabel jew matul it-titjira.

2. Is-servizz ta' informazzjoni dwar it-temp għandu jinkludi, bħala minimu:

(a) id-direzzjoni tar-riħ imkejla fid-direzzjoni tal-arloġġ mit-Tramuntana ġeografika u l-veloċità f'metri kull sekonda, inklużi l-buffuri tar-riħ;

(b) l-għoli tas-saff l-aktar baxx maqsum jew kopert mis-sħab f'mijiet ta' piedi 'l fuq mil-livell tal-art;

(c) il-viżibbiltà f'metri u f'kilometri;

(d) it-temperatura u l-punt tan-nida;

(e) indikaturi ta' attività u preċipitazzjoni konvettivi;

(f) il-post u l-ħin tal-osservazzjoni, jew il-ħinijiet u l-postijiet validi tat-tbassir;

(g) QNH xieraq bil-post ġeografiku tal-applikabbiltà tiegħu.

3. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jipprovdu informazzjoni dwar it-temp li tkun aġġornata u affidabbli biex tappoġġa l-operazzjoni tal-UAS.

Artikolu 13

Servizz ta' monitoraġġ tal-konformità

1. Servizz ta' monitoraġġ tal-konformità għandu jippermetti lill-operaturi tal-UAS jivverifikaw jekk jikkonformawx mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1) u t-termini tal-awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS. Għal dan l-għan, dan is-servizz għandu javża lill-operatur tal-UAS meta jinkisru l-limiti tad-devjazzjoni tal-awtorizzazzjoni għal titjira u meta ma jkunx hemm konformità mar-rekwiżiti fl-Artikolu 6(1).

2. Meta s-servizz ta' monitoraġġ tal-konformità jinduna b'devjazzjoni mill-awtorizzazzjoni għal titjira, il-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jallertaw lill-operaturi l-oħra tal-UAS fil-viċinanza tal-UAS ikkonċernata, lil forniturі oħra tas-servizzi tal-U-space li joffru s-servizzi fl-istess spazju tal-ajru u lill-unitajiet rilevanti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru, li għandhom jirrikonoxxu l-allert.

KAPITOLU V

ĊERTIFIKAZZJONI TAL-FORNITURI TAS-SERVIZZI TAL-U-SPACE U TAL-FORNITURI UNIĊI TA' SERVIZZI TA' INFORMAZZJONI KOMUNI

Artikolu 14

Applikazzjoni għal ċertifikat

1. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space u, meta jinħatru, il-forniturі uniċi ta' servizzi ta' informazzjoni komuni għandu jkollhom ċertifikat maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru tal-post prinċipali tan-negozju tagħhom.

2. Il-forniturі tas-servizzi tal-U-space u, meta jkunu ddeżinjati, il-forniturі tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom, ikunu stabbiliti, jew jirrisjedu f'pajjiż terz ieħor, għandhom japplikaw għal ċertifikat mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea ("l-Aġenzija").

3. Iċ-ċertifikat tal-fornitur tas-servizzi tal-U-space għandu jinħareġ f'konformità mal-Anness VI.

4. Iċ-ċertifikat tal-fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi għandu jinħareġ f'konformità mal-Anness VII.

5. Iċ-ċertifikat għandu jiddetermina d-drittijiet u l-privileġġi tad-detentur tiegħu li jipprovdi servizzi marbuta miegħu.

6. Applikazzjoni għal fornitur tas-servizzi tal-U-space jew ċertifikat ta' fornitur uniku ta' servizzi ta' informazzjoni komuni, jew għal emenda għal ċertifikat eżistenti, għandha tiġi ppreżentata f'forma u b'manjiera stabbiliti mill-awtorità kompetenti, jew mill-Aġenzija, kif applikabbli.

Artikolu 15

Kundizzjonijiet għall-ksib ta' ċertifikat

1. Il-fornituri tas-servizzi tal-U-space u, meta maħtura, il-fornituri uniċi ta' servizzi ta' informazzjoni komuni għandhom jingħataw ċertifikati jekk juru li:

(a) ikunu jistgħu jipprovdu s-servizzi tagħhom b'mod sikur, sigur, effiċjenti, kontinwu u sostenibbli, konsistenti mal-operazzjonijiet tal-UAS maħsuba u f'konformità mal-livell ta' prestazzjoni stabbilit mill-Istati Membri għall-ispazju tal-ajru tal-U-space f'konformità mal-Artikolu 3(4);

(b) jużaw sistemi u tagħmir li jiggarantixxu l-kwalità, il-latenza u l-protezzjoni tas-servizzi tal-U-space jew tas-servizzi ta' informazzjoni komuni f'konformità ma' dan ir-Regolament;

(c) ikollhom il-kapital nett xieraq proporzjonat mal-kostijiet u r-riskji assoċjati mal-provvista ta' servizzi tal-U-space jew ta' informazzjoni komuni;

(d) ikunu jistgħu jirrapportaw l-okkorrenzi f'konformità mal-punt ATM/ANS.OR.A.065 fis-Subparti A tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/373;

(e) jimplimentaw u jżommu sistema ta' ġestjoni f'konformità mas-Subparti B tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/373;

(f) jimplimentaw u jżommu sistema ta' ġestjoni tas-sigurtà f'konformità mal-punt ATM/ANS.OR.D.010 fis-Subparti D tal-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/373;

(g) iżommu għal perjodu ta' mill-inqas 30 jum l-informazzjoni u d-*data* operattivi rrekordjati jew iktar, meta l-irrekordjar ikun pertinenti għall-investigazzjonijiet ta' aċċidenti u ta' inċidenti sakemm ikun evidenti li ma jkunux meħtieġa iktar;

(h) ikollhom pjan ta' direzzjoni tan-negozju sod li jindika li jistgħu jissodisfaw l-obbligi attwali tagħhom biex jipprovdu servizzi b'mod kontinwu għal perjodu ta' mill-inqas 12-il xahar mill-bidu tal-operazzjonijiet;

(i) ikollhom stabbiliti arranġamenti biex ikopru obbligazzjonijiet relatati mat-twettiq tal-kompiti tagħhom xierqa għat-telf u l-ħsara potenzjali;

(j) meta jagħmlu użu minn servizzi ta' fornitur ta' servizz ieħor, ikollhom il-ftehimiet konklużi għal dak l-għan, filwaqt li jispeċifikaw l-allokazzjoni tar-responsabbiltà bejniethom;

(k) ikunu żviluppaw pjan ta' kontinġenza fil-każ ta' avvenimenti, inkluż ksur tas-sigurtà li jaffettwa l-għoti ta' servizzi, li jirriżulta f'degradazzjoni jew interruzzjoni sinifikanti tal-operazzjonijiet tagħhom;

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 1, il-fornituri tas-servizzi tal-U-space għandu jkollhom pjan ta' ġestjoni ta' emerġenza biex jassistu lill-operatur tal-UAS li jkun qed jesperjenza emerġenza u pjan ta' komunikazzjoni biex jinforma lil dawk ikkonċernati.

Artikolu 16

Validità taċ-ċertifikat

1. Ċertifikat ta' fornitur tas-servizzi tal-U-space jew ta' fornitur uniku ta' servizzi ta' informazzjoni komuni għandu jibqa' validu sakemm id-detentur taċ-ċertifikat jikkonforma mar-rekwiżiti rilevanti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Ċertifikat ta' fornitur tas-servizzi tal-U-space jew ta' fornitur uniku ta' servizzi ta' informazzjoni komuni ma għandux jibqa' validu jekk id-detentur taċ-ċertifikat:

(a) ikun għadu ma bediex l-operazzjonijiet fi żmien sitt xhur wara li jkun inħareġ iċ-ċertifikat;

(b) ikun waqqaf l-operazzjonijiet għal aktar minn 12-il xahar konsekuttivi.

3. L-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija, kif applikabbli, għandha tivvaluta l-prestazzjoni operattiva u finanzjarja ta' fornitur tas-servizzi tal-U-space jew ta' fornitur tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi taħt ir-responsabbiltà tagħha.

4. L-awtorità kompetenti jew l-Aġenzija, kif applikabbli, tista', abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, timponi kundizzjonijiet partikolari fuq id-detentur taċ-ċertifikat, temenda, tissospendi, tillimita jew tirrevoka ċ-ċertifikat.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI

Artikolu 17

Kapaċitajiet tal-awtoritajiet kompetenti

1. L-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom il-kapaċità teknika u operattiva u l-għarfien espert biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 18. Għal dan l-għan, dawn:

(a) għandu jkollhom proċeduri dokumentati kif xieraq, u riżorsi adegwati;

(b) għandhom jimpjegaw persunal b'għarfien suffiċjenti, b'integrità professjonali, kif ukoll b'esperjenza u b'taħriġ biex iwettaq il-kompiti allokati tiegħu;

(c) għandhom jieħdu kwalunkwe azzjoni meħtieġa biex jikkontribwixxu għall-operazzjonijiet sikuri, effiċjenti u siguri tal-UAS fl-ispazju tal-ajru tal-U-space u taħt ir-responsabbiltà tagħhom.

2. L-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu jistgħu jieħdu jew jibdew kwalunkwe miżura ta' infurzar xierqa meħtieġa biex jiżguraw li l-forniturі tas-servizzi tal-U-space u l-forniturі uniċi ta' servizzi ta' informazzjoni komuni taħt is-sorveljanza tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 18

Kompiti tal-awtoritajiet kompetenti

L-awtoritajiet kompetenti ddeżinjati għandhom:

(a) jistabbilixxu, iżommu u jagħmlu disponibbli sistema ta' reġistrazzjoni għall-forniturі tas-servizzi tal-U-space u għall-forniturі uniċi ta' servizzi ta' informazzjoni komuni ċċertifikati;

(b) jiddeterminaw liema *data* dwar it-traffiku, kemm jekk live jew irrekordjata trid tkun disponibbli mill-forniturі tas-servizzi tal-U-space, mill-forniturі tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi għall-persuni fiżiċi u ġuridiċi awtorizzati, inkluż il-frekwenza meħtieġa u l-livell ta' kwalità tad-*data*, mingħajr preġudizzju għar-regolamenti dwar il-protezzjoni tad-*data* personali;

(c) jiddeterminaw il-livell ta' aċċess għall-informazzjoni għal utenti differenti tal-informazzjoni komuni, u jiżguraw li tkun disponibbli f'konformità mal-Anness II;

(d) jiżguraw li l-iskambji tad-*data* bejn il-forniturі tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru u l-forniturі tas-servizzi tal-U-space jsiru f'konformità mal-Anness V;

(e) jiddefinixxu l-mod li bih il-persuni fiżiċi u ġuridiċi għandhom japplikaw għal ċertifikat ta' fornitur tas-servizzi tal-U-space jew ta' fornitur uniku ta' servizzi ta' informazzjoni komuni f'konformità mal-Kapitolu V;

(f) jistabbilixxu mekkaniżmu ta' koordinazzjoni ma' awtoritajiet u entitajiet oħra, inkluż fil-livell lokali, id-deżinjazzjoni tal-ispazju tal-ajru tal-U-space, l-istabbiliment tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru għall-UAS f'dak l-ispazju tal-ajru tal-U-space u d-determinazzjoni tas-servizzi tal-U-space li jridu jiġu pprovduti fl-ispazju tal-ajru tal-U-space;

(g) jistabbilixxu programm ta' ċertifikazzjoni u ta' sorveljanza kontinwa abbażi tar-riskji, inkluż il-monitoraġġ tal-prestazzjoni operattiva u finanzjarja, skont ir-riskju assoċjat mas-servizzi pprovduti mill-forniturі tas-servizzi tal-U-space u mill-forniturі tas-servizzi ta' informazzjoni komuni uniċi taħt ir-responsabbiltà ta' sorveljanza tagħhom;

(h) jirrikjedu li l-forniturі ta' informazzjoni komuni u l-forniturі tas-servizzi tal-U-space jagħmlu disponibbli l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiżguraw li l-forniment tas-servizzi tal-U-space jikkontribwixxu għal operazzjonijiet sikuri ta' inġenji tal-ajru;

(i) iwettqu awditi, valutazzjonijiet, investigazzjonijiet u spezzjonijiet tal-forniturі tas-servizzi tal-U-space u tal-forniturі uniċi ta' servizzi ta' informazzjoni komuni kif stabbilit fil-programm ta' sorveljanza;

(j) iqisu l-livelli meħtieġa ta' prestazzjoni tas-sikurezza meta jiddefinixxu r-rekwiżiti għal kull spazju tal-ajru tal-U-space li jkun ġie soġġett għal valutazzjoni tar-riskju tal-ispazju tal-ajru kif imsemmi fl-Artikolu 3(1);

(k) jimmonitorjaw u jivvalutaw regolarment il-livelli ta' prestazzjoni tas-sikurezza u jużaw ir-riżultati tal-monitoraġġ tal-prestazzjoni tas-sikurezza b'mod partikolari fis-sorveljanza bbażata fuq ir-riskju tagħhom.

Artikolu 19

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mis-26 ta' Jannar 2023.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Kriterji għad-definizzjoni tal-kapaċitajiet, ir-rekwiżiti tal-prestazzjoni, il-kundizzjonijiet operattivi u r-restrizzjonijiet tal-ispazju tal-ajru msemmija fl-Artikolu 3(4)

A. **Kriterji għad-definizzjoni tal-kapaċitajiet u r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-UAS**

Sabiex jiddeterminaw il-kapaċitajiet u r-rekwiżiti tal-prestazzjoni tal-UAS f'konformità mal-Artikolu 3(4)(a), l-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:

1. it-tipi ta' operazzjonijiet mistennija tal-UAS u d-densità tat-traffiku bi bdot abbord;
2. il-klassifikazzjoni u l-istrutturi eżistenti tal-ispazju tal-ajru;
3. is-servizzi tal-U-space li jridu jiġu pprovduti;
4. kwalunkwe limitazzjoni addizzjonali oħra.

B. **Kriterji għad-definizzjoni tar-rekwiżiti tal-prestazzjoni tas-servizzi tal-U-space**

Sabiex jiġu ddeterminati r-rekwiżiti tal-prestazzjonijiet tas-servizzi tal-U-space f'konformità mal-Artikolu 3(4)(b), l-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:

1. Ir-riskju fuq l-art u fl-ajru;
2. Iż-żona ġeografika li fuqha jkunu se jittajru;
3. Il-kundizzjonijiet severi tat-temp magħrufa;
4. Disponibbiltà ta' infrastruttura li tappoġġa s-servizz tal-U-space

C. **Kriterji għad-definizzjoni tal-kundizzjonijiet operattivi u tal-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru**

Sabiex jiddeterminaw il-kundizzjonijiet operattivi u l-limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru f'konformità mal-Artikolu 3(4)(c), l-Istati Membri għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin:

1. *Kundizzjonijiet operattivi*
   a. Tipi mistennija ta' titjiriet;
   b. Proċeduri ta' kontinġenza u ta' emerġenza għall-UAS;
   c. Il-proċedura bejn il-fornituri tas-servizzi tal-U-space u l-unitajiet tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru rilevanti għall-koordinazzjoni tat-talba għall-awtorizzazzjoni tat-titjira tal-UAS fl-ispazju tal-ajru kkontrollat;
   d. Il-proċeduri għat-tixrid tal-konfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru fi spazju tal-ajru kkontrollat.

2. *Limitazzjonijiet tal-ispazju tal-ajru*
   a. Il-kapaċità disponibbli għat-traffiku tal-UAS;
   b. Il-kapaċità disponibbli u ppjanata għall-avjazzjoni bi bdot abbord;
   c. L-aċċess tal-avjazzjoni bi bdot abbord għall-ispazju tal-ajru tal-U-space;
   d. Limitazzjonijiet tat-temp għall-użu tal-ispazju tal-ajru tal-U-space; L-impatt fuq l-ajrudromi u attivitajiet speċifiċi oħra qrib l-ispazju tal-ajru tal-U-space propost.

ANNESS II

Il-pubblikazzjoni tal-informazzjoni komuni msemmija fl-Artikolu 5(4)(a)

1. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni komuni għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1), (2) u (3) tkun disponibbli online permezz ta' teknoloġiji komuni miftuħa, siguri, skalabbli u sostenibbli li jkunu jistgħu jappoġġaw il-livelli meħtieġa ta' disponibbiltà u ta' prestazzjonijiet, u li jiżguraw l-interoperabbiltà u l-moviment liberu tas-servizzi tal-U-space fl-Unjoni.

2. Il-fornituri ta' servizzi ta' informazzjoni komuni għandhom jagħtu aċċess għal informazzjoni komuni fuq bażi mhux diskriminatorja.

3. Il-fornituri tas-servizzi tal-U-space u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jużaw protokoll ta' komunikazzjoni miftuħa, interoperabbli, sigura u komuni.

ANNESS III

Il-kwalità tad-*data*, il-latenza tad-*data* u r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data* msemmija fl-Artikolu 5(4)(b) u fl-Artikolu 7(5)(c)

A. **Sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tal-kwalità tad-*data*, il-forniturі tas-servizzi ta' informazzjoni komuni u l-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom jiżguraw li:**

1. tinżamm il-kwalità tad-*data*;

2. jintużaw tekniki ta' verifika u ta' validazzjoni biex jiġi żgurat li d-*data* tasal mingħajr korruzzjoni u li ma sseħħx korruzzjoni f'xi stadju tal-proċess tad-*data*;

3. tinġabar u tiġi ppreservata l-metadata.

4. it-trasferiment tad-*data* jkun soġġett għal proċess xieraq ta' awtentikazzjoni b'tali mod li r-riċevituri jkunu jistgħu jikkonfermaw li d-*data* jew l-informazzjoni tkun ġiet trażmessa minn sors awtorizzat.

5. ikunu stabbiliti u jinżammu r-rapportar tal-iżbalji, il-kejl tal-iżbalji u l-mekkaniżmi ta' azzjoni korrettiva.

B. **Sabiex jipproteġu d-*data*, il-forniturі tas-servizzi ta' informazzjoni komuni u l-forniturі tas-servizzi tal-U-space għandhom:**

1. jimplimentaw politiki ta' sigurtà, inkluż il-kriptaġġ tad-*data* u l-protezzjoni tad-*data* kritika;

2. jipproteġu l-protokolli ta' komunikazzjoni interoperabbli, sigura u miftuħa minn interazzjonijiet elettroniċi intenzjonali mhux awtorizzati li jistgħu jirriżultaw fi ħsara inaċċettabbli fil-komunikazzjonijiet;

3. jidentifikaw, jivvalutaw, u jimmitigaw, kif meħtieġ, ir-riskji u l-vulnerabbiltajiet tas-sigurtà;

4. jaderixxu mal-istandards u mar-regolamenti tas-sigurtà dwar fejn tista' tinħażen id-*data* u jiżguraw li l-forniturі ta' partijiet terzi jaqblu li jsegwu l-prattiki tas-sigurtà;

5. jiddeskrivu politika għas-sensibilizzazzjoni u t-taħriġ tal-impjegati u għodod biex jitnaqqsu r-riskji minn informazzjoni privileġġata, u l-protezzjoni tad-*data* – inkluża l-proprjetà intellettwali. Meta jagħmlu dan, dawn għandhom jimmonitorjaw l-attività tal-utent u tan-network biex jipprovdu għarfien dwar il-vulnerabbiltajiet u t-theddid tal-ekosistema.

6. jiskjeraw soluzzjonijiet li jżidu l-kapaċitajiet ta' detezzjoni u ta' intelligence tat-theddid u jiżguraw l-użu ta' salvagwardji teknoloġiċi.

ANNESS IV

Talba għall-awtorizzazzjoni tat-titjira tal-UAS imsemmija fl-Artikolu 6(4)

It-talba għall-awtorizzazzjoni tat-titjira tal-UAS għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

1. in-numru tas-serje uniku tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jew, jekk l-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord jinbena privatament, in-numru tas-serje uniku tas-suppliment;
2. il-modalità tal-operazzjoni;
3. it-tip ta' titjira (operazzjonijiet speċjali);
4. il-kategorija ta' operazzjoni tal-UAS ("miftuħa", "speċifika", "iċċertifikata") u l-klassi tal-inġenju tal-ajru tal-UAS jew iċ-ċertifikat tat-tip tal-UAS jekk applikabbli;
5. it-trajettorja 4D;
6. it-teknoloġija ta' identifikazzjoni;
7. il-metodi ta' konnettività mistennija;
8. ir-reżistenza;
9. il-proċedura ta' emerġenza applikabbli f'każ ta' telf ta' link tal-kmand u tal-kontroll;
10. in-numru ta' reġistrazzjoni tal-operatur tal-UAS u, fejn applikabbli, tal-inġenju tal-ajru mingħajr bdot abbord.

ANNESS V

L-iskambju ta' *data* u ta' informazzjoni operattivi rilevanti bejn il-fornituri tas-servizzi tal-U-space u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru f'konformità mal-Artikolu 7(3)

1. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jiġi żgurat permezz ta' ftehim dwar il-livell ta' servizzi li jistabbilixxi l-kwalità tal-informazzjoni u permezz tal-mudell ta' skambju li jintuża għad-*data* u għall-informazzjoni operattivi rilevanti.

2. Il-mudell ta' skambju għandu:
   a. jippermetti l-ġestjoni u d-distribuzzjoni tal-informazzjoni f'format diġitali;
   b. jiddeskrivi l-karatteristiċi ta' informazzjoni skambjata, kif ukoll il-proprjetajiet, l-attributi, it-tipi ta' *data*, u l-assoċjazzjonijiet tagħhom;
   c. jinkludi l-limitazzjonijiet tad-*data* u r-regoli tal-validazzjoni;
   d. japplika format standard għall-ikkowdjar tad-*data*;
   e. jipprovdi mekkaniżmu ta' estensjoni li bih il-gruppi ta' utenti jistgħu jestendu l-proprjetajiet ta' karatteristiċi eżistenti u jżidu karatteristiċi ġodda li ma jaffettwawx b'mod negattiv l-istandardizzazzjoni fl-Istati Membri u bejniethom.

3. Il-fornituri tas-servizzi tal-U-space u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jużaw metodu ta' kriptaġġ rikonoxxut.

4. Il-fornituri tas-servizzi tal-U-space u l-fornituri tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għandhom jużaw protokoll ta' komunikazzjoni miftuħa, interoperabbli, sigura u komuni.

ANNESS VI

LOGO tal-EASA jew tal-NAA kif applikabbli

Ċertifikat għall-fornitur tas-servizzi tal-U-space msemmi fl-Artikolu 14(3)

ĊERTIFIKAT GĦALL-FORNITUR TAS-SERVIZZI TAL-U-SPACE

[NUMRU TAĊ-ĊERTIFIKAT/NRU TAL-ĦARĠA]

Skont ir-Regolament (UE) …/…. (u r-Regolament (UE) …/….) u soġġett għall-kundizzjonijiet speċifikati hawn taħt, l-[awtorità kompetenti] b'dan tiċċertifika

[ISEM IL-FORNITUR TAS-SERVIZZI TAL-U-SPACE]

[INDIRIZZ TAL-FORNITUR TAS-SERVIZZI TAL-U-SPACE]

bħala fornitur tas-servizzi tal-U-space bil-privileġġi, kif indikat fil-kundizzjonijiet mehmużin dwar il-forniment ta' servizzi.

KUNDIZZJONIJIET:

Dan iċ-ċertifikat huwa limitat għall-kundizzjonijiet u l-kamp ta' applikazzjoni tal-forniment ta' servizzi kif elenkat fil-kundizzjonijiet mehmużin dwar il-forniment ta' servizzi.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu diment li l-fornitur iċċertifikat tas-servizzi tal-U-space jibqa' konformi mar-Regolament (UE) …/…. u r-regolamenti applikabbli l-oħrajn u, fejn rilevanti, mal-proċeduri fid-dokumentazzjoni tal-fornitur tas-servizzi tal-U-space kif meħtieġ bir-Regolament (UE) …/…., il-Parti-….

Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sakemm iċ-ċertifikat ma jiġix ċedut, limitat, sospiż jew revokat.

Data tal-ħruġ:

Iffirmat:

[Awtorità kompetenti]

IL-KUNDIZZJONIJIET U L-LIMITAZZJONIJIET TAL-FORNIMENT TA' SERVIZZ TAL-U-SPACE

kiseb il-privileġġi li jipprovdi s-servizzi tal-U-space li ġejjin skont il-kundizzjonijiet u l-limitazzjonijiet li ġejjin:

(Ħassar il-linji kif xieraq)

Servizzi	Tip ta' servizz	Kundizzjonijiet	Limitazzjonijiet
Servizzi tal-U-space	Servizz ta' identifikazzjoni tan-network		
	Servizz ta' ġeokonsapevolezza		
	Servizz ta' awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS		
	Servizz ta' informazzjoni tat-traffiku		
	Servizz tat-temp		
	Servizz ta' monitoraġġ tal-konformità		
	Oħrajn (kif definiti mill-Istat Membru)		

ANNESS VII

LOGO tal-EASA jew tal-NAA kif applikabbli

Ċertifikat għal fornitur ta' servizz ta' informazzjoni komuni uniku msemmi fl-Artikolu 14(3)

ĊERTIFIKAT GĦAL FORNITUR TA' SERVIZZ TA' INFORMAZZJONI KOMUNI UNIKU

[NUMRU TAĊ-ĊERTIFIKAT/NRU TAL-ĦARĠA]

Skont ir-Regolament (UE) …/…. (u r-Regolament (UE) …/….), l-[awtorità kompetenti] b'dan tiċċertifika

[ISEM IL-FORNITUR TA' SERVIZZ TA' INFORMAZZJONI KOMUNI UNIKU]

[INDIRIZZ TAL-FORNITUR TA' SERVIZZ TA' INFORMAZZJONI KOMUNI UNIKU]

bħala fornitur ta' servizz ta' informazzjoni komuni uniku.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu diment li l-fornitur ta' servizz ta' informazzjoni komuni uniku ċċertifikat jibqa' konformi mar-Regolament (UE) …/…. u r-regolamenti applikabbli l-oħrajn u, fejn rilevanti, mal-proċeduri fid-dokumentazzjoni tal-fornitur ta' servizz ta' informazzjoni komuni uniku kif meħtieġ mir-Regolament (UE) …/…., Parti-….

Soġġett għall-konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq, dan iċ-ċertifikat għandu jibqa' validu sakemm iċ-ċertifikat ma jiġix ċedut, limitat, sospiż jew revokat.

Data tal-ħruġ:

Iffirmat:

[Awtorità kompetenti]

Appendiċi

Il-klassijiet tal-ispazju tal-ajru tal-ATS — is-servizzi pprovduti

L-iskop ta' dan l-Appendiċi huwa li jintwerew is-servizzi relatati mal-ispazju tal-ajru tal-U-space pprovduti f'kull klassi speċifika tal-ispazju tal-ajru b'mod konċiż. Għalhekk, ma jipprovdi l-ebda speċifikazzjoni addizzjonali ma' dawk diġà espressi f'dan ir-Regolament u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/666 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 923/2012. Is-servizzi tat-traffiku tal-ajru pprovduti mill-unitajiet u r-rekwiżiti tal-ATS għat-titjiriet IFR u VFR jibqgħu dawk espressi fir-Regolament (UE) Nru 923/2012 u miġbura fil-qosor fl-Appendiċi 4 tiegħu.

Klassi	Tip ta' titjira	Permess fl-ispazju tal-ajru tal-U-space	Servizzi fl-ispazju tal-ajru tal-U-space mill-USSPs
A	IFR biss	Mhux mingħajr rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru	
	UAS ([1])	Iva	Awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS Informazzjoni dwar it-traffiku rigward il-UAS
B, C u D	IFR u VFR	Mhux mingħajr rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru	
	UAS ([1])	Iva	Awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS Informazzjoni dwar it-traffiku rigward il-UAS
E	IFR	Mhux mingħajr rikonfigurazzjoni dinamika tal-ispazju tal-ajru	
	VFR	Iva, soġġett għall-pożizzjoni ta' kondiviżjoni mal-USSPs	Xejn
	UAS ([1])	Iva	Awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS Informazzjoni tat-traffiku dwar il-UAS u l-VFR
F	IFR	Iva, soġġett għall-pożizzjoni ta' kondiviżjoni mal-USSPs	Xejn
	VFR	Iva, soġġett għall-pożizzjoni ta' kondiviżjoni mal-USSPs	Xejn
	UAS ([1])	Iva	Awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS Informazzjoni tat-traffiku dwar il-UAS, l-IFR u l-VFR
G	IFR	Iva, soġġett għall-pożizzjoni ta' kondiviżjoni mal-USSPs	Xejn
	VFR	Iva, soġġett għall-pożizzjoni ta' kondiviżjoni mal-USSPs	Xejn
	UAS ([1])	Iva	Awtorizzazzjoni għal titjira tal-UAS Informazzjoni tat-traffiku dwar il-UAS, l-IFR u l-VFR

([1]) Ħlief it-titjir tal-UAS skont ir-Regoli tat-Titjir bl-Istrumenti.